MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
VERONICA GALEA DEBONO**

Seduta tat-3 ta' Frar, 2012

Talba Numru. 550/2008

J & R Vassallo Limited (C-7987).

Vs

Catering Centre Company Limited (C-9806).

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici ppremettiet illi d-ditta intimata hija debitrici tal-atturi ghad-debitu li hu cert, likwidu u dovut, ammontanti ghal elf, disa' mija u tnejn u ghoxrin Ewro u hamsin centezmu (€1922.50) (ekwivalenti ghal tmien mija, hamsa u ghoxrin lira Maltija u tlieta u ghoxrin centezmu, (Lm825.23), rapprezentanti bilanc ta' ammont dovut wara xoghol u spejjes ta' transport maghmula ghad-ditta intimat u dan kif jirrizulta mill-istatement anness; illi l-ispiza ta' kull partita u ta' kull fattura ma taqbizx il-kompetenza ta' dan it-Tribunal. Ghalhekk l-esponenti titlob li dan it-Tribunal joghgbu jordna u jikkundanna lis-socjeta' konvenuta

thallas lis-socjeta' attrici l-ammont ta' elf, disa' mija u tnejn u ghoxrin Ewro u hamsin centezmu (€1922.50), bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra bonarja tal-11 ta' Dicembru 2007 u tat-2 ta' April 2008 u tal-mandat ta' sekwestru pprezentat kontestwalment, u bl-interessi mill-11 ta' Dicembru 2007.

Ra r-risposta tas-socjeta' konvenuta li eccepiet illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante li:- 1. fis-sena 2004 il-kumpanija Mondese Limited kienet debitrici tal-konvenuta ghas-somma bilancjali ta' €6,361.26. Raymond Vassallo, direttur u azzjonist f'Mondese Limited offra li jhallas il-bilanc billi jibda joffri lill-konvenuta servizzi ta' garr tramite kumpanija ohra li taghha huwa wkoll azzjonist u direttur, cioe l-attrici J & R Vassallo Limited, u jpaci l-prezz ta' dawn is-servizzi mal-ammont dovut minn Mondese Limited; 2. illi l-attrici kienet diga tinqeda bis-servizzi ta' kumpaniji ohra ta' garr (Kaless Transport Limited), pero fil-kuntest tan-negozjati fuq imsemmija, Raymond Vassallo f'isem J & R Vassallo Limited, wieghed u ntrabat illi r-rati tal-attrici ma kienux ser jeccedu dawk li kienet qed thallas il-konvenuta; 3. illi kif ser jigi ppruvat, J & R Vassallo Limited ma onoratx il-ftehim u bdiet titlob hlas b'rati ferm oghla minn dawk li l-konvenuta kienet soltu thallas. Il-konvenuta ripetutament interpellat lill-attrici sabiex tonora l-ftehim u sabiex tohrog credit note ghall-ammonti mitluba li l-konvenuta tissottometti illi huma ezagerati; 4. illi kif jidher mill-istatement ezebit mill-istess attrici, l-konvenuta gja ghamlet pagamenti oltre l-ammont pacut pero qed tirrifjuta li thallas il-bilanc pretiz ghax issostni illi huwa ezagerat u mhux skond il-ftehim. Bl-ispejjes.

Ra l-verbal tas-seduta tal-20 ta' April 2009, fejn gie ordnat li l-provi jigu invertiti.

Sema x-xhieda ta' Alfred Farrugia prodott mis-socjeta' konvenuta.

Sema x-xhieda ta' Adrian Micallef prodott mis-socjeta' konvenuta.

Sema x-xhieda ta’ Joseph Mifsud prodott mis-socjeta’ konvenuta.

Ra l-affidavit ta’ David Theuma prodott mis-socjeta’ konvenuta.

Ra l-affidavit ta’ Raymond Vassallo prodott mis-socjeta’ attrici.

Ra l-affidavit ta’ Maria Theresa Vassallo prodotta mis-socjeta’ attrici.

Sema’ x-xhieda in kontro ezami ta’ Raymond Vassallo u ta’ Maria Theresa Vassallo.

Sema t-trattazzjoni tal-avukati difensuri tal-partijiet.

Ra d-dokumenti kollha li gewipprezentati.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

**Ikkunsidra.**

Illi l-fatti tal-kaz in ezami fil-qosor huma s-segwenti. Huwa fatt inkontestat bejn il-partijiet li kien jezisti ftehim bejniethom fis-sens illi s-socjeta’ konvenuta kellha tuza s-servizzi ta’ garr ta’ merkanzija moghtija mis-socjeta’ attrici, u dana sabiex jigi saldat kreditu favur is-socjeta’ konvenuta li kellha ma socjeta’ ohra msemmija Mondese Limited, liema socjeta’ ghandha l-istess diretturi u azzjonisti bhal dawk tas-socjeta’ attrici. Fi kliem iehor, is-socjeta’ konvenuta kienet bieghet xi merkanzija lis-socjeta’ Mondese Limited u kellha tithallas ghal tali merkanzija billi tiehu servizzi ta’ garr minghand is-socjeta’ attrici. Dan l-arrangament sar peress li d-diretturi u azzjonisti ta’ Mondese Limited u tas-socjeta’ attrici kienu l-istess nies. Effettivament is-socjeta’ konvenuta ma kenitx taghmel uzu mis-servizzi ta’ garr moghtija mis-socjeta’ attrici precedentement ghal dan il-ftehim, izda kienet taghmel uzu mis-servizzi ta’ kumpanija ohra.

Skond is-socjeta’ konvenuta l-ftehim kien fis-sens li r-rati tas-servizzi ta’ garr moghtija mis-socjeta’ attrici lilha kellhom ikunu l-istess bhal dawk li kienet tinghata mill-kumpanija li precedentement kienet taghtiha s-servizzi ta’ garr. Skond ix-xhud Alfred Farrugia li jiehu hsieb l-accounts tas-socjeta’ konvenuta, r-rati li kienet qed ticcargja s-socjeta’ attrici kienu aktar gholjin u ghalhekk mhux skond il-ftehim. Fil-fatt gara li d-debitu li kellha Mondese Limited mas-socjeta’ konvenuta kollu thallas, permezz ta’ tpacija kif gja spjegat, u s-socjeta’ konvenuta issa qed tikkontesta parti mill-ammont mitlub mis-socjeta’ attrici fil-kawza odjerna minhabba li dawn ir-rati kienu gholjin wisq u ezagerati. Huwa xehed pero li ma kien sar l-ebda ftehim preciz dwar ir-rati li kellhom jigu adoperati.

Illi ghandu jigi rilevat li fil-mori tal-kawza, permezz ta’ nota pprezentata minnha, s-socjeta’ konvenuta ammettiet li mill-ammont mitlub fl-Avviz, u cioe dak ta’ €1922.50, hija fil-fatt ghandha taghti l-ammont ta’ €757.50, izda l-qbija ta’ l-ammont, u cioe dak ta’ €1165 qieghed jigi kontestat bhala mhux dovut.

Illi x-xhud Adrian Micallef li jahdem bhala accounts clerk mas-socjeta’ konvenuta kkonferma l-istess arrangement li kien hemm bejn il-partijiet u xehed illi l-kontestazzjoni hija fir-rigward ta’ rati li kienet qed ticcargja s-socjeta’ attrici, li kienu oghla minn dawk li kienu jiccargjaw kumpaniji ohra tal-garr. Meta sar dan l-ilment, is-socjeta’ attrici ma kenitx accettat li tbaxxi r-rati taghha. Huwa kkonferma wkoll li ma sar l-ebda ftehim bil-miktub dwar ir-rati.

Ix-xhud David Theuma li huwa direttur tas-socjeta’ konvenuta xehed li kien sar il-ftehim bejn il-partijiet fuq imsemmi u li s-servizzi tas-socjeta’ attrici kienu intuzaw ghal madwar sentejn bejn il-2004 u 2006, kif ukoll li dan is-servizz kien wiehed tajjeb. Huwa xehed li meta bdew jaraw l-istatements u invoices indunaw li r-rati li kienu qed jigu ccargjati kienu ferm oghla minn dawk ta’ kumpaniji ohra u li bdew jilmentaw dwar dan permezz ta’ emails u anki verbalment, izda s-socjeta’ attrici baqghet ghaddejja bir-rati taghha u mbaghad meta s-servizz ma baqax jinghata kien ghad fadal il-bilanc dovut li dwaru qed issir

din il-kawza. Skond hu parti minn dan il-bilanc qed jigi kkontestat minhabba li ntuzaw rati gholjin u ezagerati.

Illi minn-naha taghha s-socjeta' attrici pproduciet bhala xhud id-diretturi taghha Raymond Vassallo li kkonferma li l-partijiet bdew jahdmu flimkien mis-sena 2002 u mhux 2004, u li dak iz-zmien kienu gew accettati r-rati tas-socjeta' attrici. Huwa xehed li qatt ma kien hemm xi ftehim li r-rati kellhom ikunu bhal dawk ta' haddiehor, izda biss li r-rati kellhom ikunu ragjonevoli u skond il-prassi normali. Skond hu kien hemm ftehim wiehed biss dwar rati u dan kien jikkoncerna rati dwar il-garr u hatt ta' containers, u li dan il-ftehim kien inzamm. Madankollu ma kien hemm l-ebda ftehim dwar *groupage containers* u s-socjeta' attrici ma kellha l-ebda informazzjoni dwar rati ohra li kienet ticcargja l-kumpanija li kienet taghti s-servizzi lis-socjeta' konvenuta precedentement.

Maria Theresa Vassallo, company secretary tas-socjeta' attrici, xehedet li kienet tiehu hsieb il-'set-offs' li kienu ghaddejjin bejn il-partijiet u li kienu ilhom ghaddejjin ghal diversi snin. Hi spjegat illi kull ftehim f'dan ir-rigward kien bil-fomm u mhux bil-miktub.

Illi tenut dan kollu in konsiderazzjoni, t-Tribunal jidhirlu li l-kontestazzjoni da parti tas-socjeta' konvenuta li r-rati uzati mis-socjeta' attrici kienu gholjin u ezagerati hija ghal kollox bla bazi. Fil-fatt minn ezami tal-provi kollha jidher car li ma ngabet assolutament l-ebda prova li b'xi mod turi li r-rati tas-socjeta' attrici kienu gholjin jew ezagerati. Oltre dan ma hemm l-ebda prova dwar x'kellhom ikunu fil-fatt dawn ir-rati. Is-socjeta' konvenuta ammettiet li ghandha taghti parti mis-somma mitluba mis-socjeta' attrici izda ma tat assolutament l-ebda spjegazzjoni dwar kif ikkalkulat li m'ghandhiex thallas il-bilanc. Il-fatt li s-socjeta' konvenuta deherilha li ghandhom jintuzaw rati li kienet qed tuza kumpanija ohra ma jfisser assolutament xejn jekk dawn ir-rati ma gewx specifikament miftiehma, u dan ma jidhirx li sar fi kwalsiasi stadju tan-negozzjati bejn il-partijiet, tant hu hekk li s-socjeta' attrici lanqas kienet taf x'kienu dawn ir-rati li kienet qed tuza l-kumpanija l-ohra. Oltre dan, il-fatt li s-set offs kienu ilhom snin ghaddejjin

bejn il-partijiet juri li fil-fatt is-socjeta' konvenuta qed issib skuza pjuttost fjakka sabiex ma thallasx l-ammont pendenti mitlub f'din il-kawza – ghaliex wara kollox setghet ilha li oggezzjonat ghal tali set-offs, u rrifjutat li tinnegozja b'dan il-mod sakemm l-affarijiet jigu rrangati u miftiehma kif suppost.  Minn dan kollu ma sar xejn.

Ghal dawn il-motivi u in vista ta' l-ammissjoni in parte tas-socjeta' konvenuta, t-Tribunal jaqta u jiddeciedi billi jichad l-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta u jilqa t-talba attrici, u b'hekk jikkundanna s-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' elf, disa' mija u tnejn u ghoxrin Ewro u hamsin centezmu (€1922.50), bl-imghax kif mitlub fl-Avviz.  L-ispejjes kollha tal-kawza ghandhom jigu ssopportati mis-socjeta' konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------